# Minuti tas-Sitta u Sittin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter

Is-66 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar il-Ħamis 16 t'April 2015. Il-laqgħa bdiet fis-6.00 ta' filgħaxija. Iċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo ppresieda l-laqgħa.

Item – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu c-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo, is-Norman Clews, is-Sur Joseph Agius u s-Sur Nicholas Azzopardi. Il-Viċi-Chairperson is-Sur Luciano Farrugia kien skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-65 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Agius.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Dwar it-tibdil propost fis-sistema tat-traffiku fi Triq Dun Salv Sciberras, iċ-*Chairperson* ippreżenta l-pjanta li tindika t-tibdil propost u qal li jekk il-Kumitat jaqbel mat-tibdil li qiegħed jiġi suġġerit, jitqasmu minnufih l-ittri lir-residenti. Fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata miċ-*Chairperson*, il-Kumitat qabel unanimament li tintbgħat ittra lir-residenti biex jagħtu l-opinjonijiet u s-suġġerimenti tagħhom.

Item 4 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kumitat Amministrattiv ġie nfurmat illi l-allokazzjoni għas-sena Jannar – Diċembru 2015 ser tkun ta' €69,150.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Il-Kumitat Aministrattiv tkellem dwar l-Estimi Annwali għas-sena kurrenti u fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Clews, il-Kumitat Amministrattiv qabel unanimament li d-differenza bejn id-dħul stmat u issa dak attwali jiġi allokat taħt

'Tiswijiet u Manutenzjoni' u li l-Estimi Annwali għas-Sena Kurrenti' jiġu approvati kif emendati.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Iċ-*Chairperson* u l-membri kollha preżenti qablu li fil-jiem li ġejjin għandhom isiru l-*parking bays* f'parti minn Triq il-Farfett tal-Fejġel u dan wara li jitlesta xi tindif li hemm bżonn isir fit-tarf tat-triq.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-67 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar il-Ħamis, 14 ta' Mejju 2015.

Mario Bartolo
*Chairperson*